

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16420/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0097 (COD)**

---

---

**TRANS 626  
CODEC 2021  
ENV 1336  
MI 1011**

### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	15613/25 + ADD 1 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u d-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni - Eżitu tal-proċedimenti

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż, għall-informazzjoni, it-test li dwaru l-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija (Trasport) laħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2025.

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom u d-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

---

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

- (1) Id-dispożizzjonijiet dwar l-ittestjar tal-affidabbiltà stradali ilhom parti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal għexieren ta' snin. Madankollu, dawn huma soġġetti għal armonizzazzjoni gradwali. Id-dritt tal-Unjoni għal dak l-għan ġie rivedut l-aħħar fl-2014 bil-"Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali"<sup>3</sup>. Sabiex jittejjeb l-infurzar, ir-reviżjonijiet konsekuttivi ta' dawk ir-regoli gradwalment estendew il-kamp ta' applikazzjoni tal-vetturi li għandhom jiġu ttestjati u l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli armonizzati, inkluż dawk dwar l-ispezzjonijiet waqt it-traġitt u d-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vetturi. Dawn speċifikaw u aġġornaw il-metodi, il-proċeduri u d-dokumenti relatati tal-ittestjar meħtieġa biex jirriflettu l-progress teknoloġiku.
- (2) Id-Direttiva 2014/45/UE tistabbilixxi l-kontenut minimu u l-frekwenza tal-ittestjar għal kull kategorija ta' vetturi, ħlief għall-muturi, fejn l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni usa'. Dik id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti minimi għall-indipendenza taċ-ċentri tal-ittestjar u t-taħriġ tal-ispetturi, it-tagħmir tal-ittestjar, u l-kontenut taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali. Il-validità ta' dak iċ-ċertifikat, kif ukoll kwalunkwe prova oħra tal-ittestjar, trid tiġi rikonoxxuta mill-Istati Membri għall-finijiet taċ-ċirkolazzjoni libera u r-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura diġà rreġistrata fi Stat Membru ieħor.

---

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/45/oj>), id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni 2000/30/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/30/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/47/oj>) u d-Direttiva 2014/46/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-3 ta' April li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 129, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/46/oj>).

- (3) Id-Direttiva 2014/47/UE tikkomplementa d-Direttiva 2014/45/UE billi tirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu spezzjonijiet waqt it-traġitt fuq vetturi kummerċjali tqal ta' aktar minn 3,5 tonnelli, inkluż xarabanks, trakkijiet, u t-trejlers tagħhom bl-għan li jispezzjonaw 5 % tal-flotta tal-Unjoni kull sena. Dawk l-ispezzjonijiet jinkludu spezzjoni inizjali waqt it-traġitt u, jekk jitqies meħtieġ mill-ispettur, spezzjoni teknika aktar dettaljata waqt it-traġitt. L-elementi ttestjati fl-ispezzjonijiet dettaljati huma l-istess bħal dawk ittestjati f'testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali u jistgħu jinkludu wkoll l-ispezzjoni tal-irbit tal-merkanzija. Meta jinstab nuqqas kbir jew perikoluż waqt spezzjoni waqt it-traġitt, l-Istat Membru fejn tkun saret l-ispezzjoni huwa meħtieġ jinnotifika lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni sabiex jinforza t-tiswija tal-vettura li tkun ġiet sospiża mit-traffiku.
- (4) Minħabba l-progress teknoloġiku rapidu, uħud mir-regoli attwali għall-ittestjar tal-vetturi ma għadhomx validi u jenħtieġ li jiġu emendati biex jiġu adattati għal teknoloġiji u vetturi aktar ġodda, inkluż vetturi elettriċi u vetturi elettriċi ibridi. Il-qafas tal-ittestjar jenħtieġ li jkompli jikkontribwixxi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport u titħaffef id-diġitalizzazzjoni u jinħasdu l-benefiċċji tagħha fis-settur tat-trasport. Jenħtieġ ukoll li l-qafas jiġi adattat aħjar għall-iżviluppi fit-teknoloġija tal-vetturi, il-kompożizzjoni tal-flotta u l-metodi tal-ittestjar li qed jevolvu.
- (5) It-tranżizzjoni diġitali hija waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni. Fil-kuntest tal-aġġornament tar-regoli attwali dwar l-ittestjar tal-vetturi, huwa importanti wkoll li fil-biċċa l-kbira l-proċeduri amministrattivi jiġu armonizzati, issimplifikati u diġitalizzati u li jitneħħew l-ostakli li fadal għall-moviment liberu. Dawn l-ostakli jinkludu n-nuqqas ta' rikonoxximent ta' testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali mwettqa fi Stati Membri għajr l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Dan jista' jimpedixxi l-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni u d-dritt tagħhom li jirreġjedu fi Stat Membru differenti minn dak fejn il-vettura tkun attwalment irreġistrata.
- (5a) L-ittestjar tul iċ-ċiklu ta' ħajja ta' vettura jenħtieġ li jkun relattivament sempliċi, rapidu u ma jkunx għali, u fl-istess ħin effettiv biex jintlaħqu l-oġġettivi tad-Direttivi.

- (6) Uħud mill-metodi attwali ta' ttestjar tal-emissjonijiet mhumiex adegwati għall-ittestjar ta' vetturi b'teknoloġija moderna għall-kontroll tal-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-arja u bażijiet tal-emissjonijiet baxxi. Hemm ukoll il-potenzjal li jkomplu jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa permezz ta' testijiet u kontrolli aktar xierqa. L-applikazzjoni tal-aħjar metodi tal-ittestjar disponibbli, proporzjonati u adatti tgħin lill-Istati Membri jilħqu standards tal-kwalità tal-arja aktar stretti, jiġifieri l-valuri ta' limitu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2024/2881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>, speċjalment għall-materja partikolata fina u l-ossidi tan-nitroġenu (NO<sub>x</sub>).
- (7) L-għadd ta' fatalitajiet u korrimenti serji fit-toroq tal-Unjoni għadu f'livell għoli b'mod inaċċettabbli, b'20 400 mewta fl-2023. Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni ulterjuri sabiex jintlaħqu l-miri għas-sikurezza fit-toroq stabbiliti fil-qafas ta' politika tal-UE dwar is-sikurezza fit-toroq 2021-2030<sup>5</sup>.
- (8) L-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tal-muturi għandu benefiċċji ċari għas-sikurezza fit-toroq. Dan intwera wkoll min-numru ta' Stati Membri li diġà jinkludu l-muturi fir-reġimi tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jeskludu muturi b'ċilindrata tal-magna ta' aktar minn 125 cm<sup>3</sup>, jew b'potenza netta jew nominali kontinwa massima ta' aktar minn 11 kW, mill-ittestjar perġodiku obligatorju tal-affidabbiltà stradali jekk ikunu stabbilew miżuri alternattivi effettivi tas-sikurezza fit-toroq bħal spezzjonijiet waqt it-traġitt.

---

<sup>4</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/2881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar il-kwalità tal-arja ambjentali u arja iktar nadifa għall-Ewropa (tfassil mill-ġdid), (ĠU L, 2024/2881, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2881/oj>).

<sup>5</sup> SWD(2019) 283 final <https://transport.ec.europa.eu/system/files/2021-10/SWD2190283.pdf>.

- (9) Skont il-feedback li jasal mingħand l-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-industrija, ir-rekwiżiti legali attwali li għandhom l-għan li jiżguraw li d-data teknika meħtieġa biex jitwettqu testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali tkun disponibbli għaċ-ċentri tal-ittestjar urew li huma ineffettivi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti ta' komunikazzjoni fl-Artikolu 61 u fl-Anness X tar-Regolament (UE) 2018/858, li jenħtieġ li ssir disponibbli ġabra minima ta' informazzjoni mingħajr ħlas u mingħajr dewmien żejjed għall-awtoritajiet kompetenti jew għall-korpi tad-data ċentralizzati inkarigati mill-awtoritajiet ta' Stat Membru wieħed jew aktar bil-ġestjoni tal-aċċess għal dik l-informazzjoni, li mbagħad jenħtieġ li jiżgura li ċ-ċentri tal-ittestjar ikollhom ukoll l-aċċess meħtieġ.
- (10) Għal vetturi M1 u N1, l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jenħtieġ li jirrikonoxxi ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE maħruġ minn Stat Membru ieħor għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, dment li t-test perjodiku sussegwenti tal-affidabbiltà stradali jitwettaq fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Dan ifisser li l-vettura trid tirritorna fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni fil-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE biex isirilha t-test perjodiku sussegwenti tal-affidabbiltà stradali. Dan ser jikkontribwixxi biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni filwaqt li jiġi rrispettat ir-rekwiżit bażiku li l-vetturi għandhom ġeneralment jiġu ttestjati fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza dwar l-istatus tal-vettura, l-Istat Membru li jwettaq it-test għandu jikkomunika r-riżultat tat-test fi żmien qasir permezz tal-MOVE-HUB lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.
- (11) Għall-istess raġuni, jenħtieġ li Stat Membru ta' reġistrazzjoni jkun jista' jagħżel li jirrikonoxxi ċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali maħruġa minn Stat Membru ieħor. Jekk jagħmel dan, jenħtieġ li jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Iċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali kkonċernati jenħtieġ li jitqiesu mill-Istati Membri kollha bħala ekwivalenti għaċ-ċertifikati maħruġa mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

- (12) Sabiex tiġi miġġielda l-frodi relatata mal-kilometraġġ ta' vetturi użati, ir-reġistrazzjoni tal-qari tal-odometru hija inkluża fl-ittejtjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali. Il-manipulazzjoni tal-odometru jista' jkollha impatt fuq is-sikurezza fit-toroq, peress li x-xerrejja jiġu mqarrqa dwar il-livell tat-tkagħbir bl-użu u b'hekk dwar il-ħtiġijiet ta' manutenzjoni, u l-vettura x'aktarx li tkun tilfet il-manutenzjoni meħtieġa. Madankollu, l-effettività tal-miżura għet limitata minħabba li l-ewwel test tal-affidabbiltà stradali għal vetturi tal-kategorija M1 jew N1 jitwettaq biss erba' snin wara l-ewwel reġistrazzjoni fil-bieċa l-kbira tal-Istati Membri u kull sentejn biss wara dan f'ħafna minnhom. Filwaqt li jibnu fuq esperjenza addizzjonali f'diversi Stati Membri dwar kategoriji differenti ta' vetturi, jenħtieġ li, tal-inqas, l-Istati Membri jiżguraw li l-qari tal-odometru jiġi rreġistrat kull meta s-sewwejjja awtorizzati mill-manifatturi tal-vetturi jwettqu xogħol ta' manutenzjoni jew tiswija fuq vettura tal-kategorija M1 jew N1 u li l-qari jiġi rreġistrat f'bażi tad-data nazzjonali jew f'reġistru tal-vetturi. Sewwejjja awtorizzati joperaw fi ħdan sistema ta' distribuzzjoni ta' manifattur. Sabiex jiżdied aktar l-għadd ta' punti tad-data fl-istorja tal-odometru tal-vetturi, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu aċċess għar-reġistrazzjoni għal dik l-istess bażi tad-data nazzjonali jew reġistru tal-vetturi lil fornituri oħra tas-servizzi, b'mod partikolari workshops indipendenti tat-tiswija jew tal-manutenzjoni, u jistgħu jinkludu wkoll fornituri oħra ta' qari affidabbli tal-odometru, bħal kumpaniji tal-assigurazzjoni jew kumpaniji tal-kiri tal-karozzi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu dak il-qari disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti u d-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, u jenħtieġ li jipprovdu l-istorja tal-odometru (data u/jew valutazzjoni) lill-ispetturi.
- (12a) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li l-manifatturi jew ir-rappreżentanti tagħhom jittrazzmettu l-qari tal-odometru tal-vetturi konnessi kull tliet xhur. Peress li l-Istati Membri ma għandhomx aċċess dirett għal dik id-data, mhumiex responsabbli għall-kwalità tad-data. Sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jidentifikaw frodi tal-odometru qabel ma jixtru vettura, l-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw ukoll lill-konsumaturi dwar id-disponibbiltà tal-istorja tal-odometru lid-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, b'mod partikolari fil-kuntest tal-bejgħ tal-vetturi. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jitolbu tariffa amministrattiva meta jiprovdu l-istorja tal-odometru lid-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni. Sabiex tissaħħaħ id-disponibbiltà tal-istatistika dwar l-użu tal-vetturi mingħajr piż addizzjonali ta' rapportar fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu l-qari tal-odometru disponibbli għall-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u għall-Kummissjoni (il-Eurostat).

- (13) Għalkemm il-vetturi elettriċi, inkluż il-vetturi elettriċi ibridi, ilhom fiċ-ċirkolazzjoni għal ħafna snin, u l-għadd tagħhom qed jiżdied b'mod kostanti, ma hemm l-ebda regola armonizzata dwar l-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tas-sistemi b'vultaġġ għoli ta' tali vetturi, li jirriżulta fl-iżvilupp ta' protokoll ta' ttestjar differenti fl-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sikur ta' tali vetturi matul il-ħajja utli tagħhom u jiġu evitati Prattiki tal-ittestjar konfliġġenti fl-Istati Membri, jenħtieġ li l-elementi tat-test rilevanti jiġu inklużi fir-rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-ittestjar u l-metodi rakkomandati għall-ittestjar.
- (13a) Sabiex jiġi żgurat l-ittestjar korrett tal-vetturi elettriċi u elettriċi ibridi, inkluż tas-sistemi elettroniċi avvanzati ġodda, huwa importanti li l-ispetturi jkunu mħarrġa kif xieraq kemm matul it-taħriġ inizjali kif ukoll matul it-taħriġ ta' aġġornament. Sabiex jiġi akkomodat l-ittestjar tad-diversi tipi ġodda ta' vetturi u sistemi, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jawtorizzaw spetturi li jkunu speċjalizzaw fl-ittestjar ta' tipi speċifiki biss ta' vetturi jew fit-tweqqif biss ta' ċerti tipi ta' testijiet. L-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu minn din il-possibbiltà jenħtieġ li jiżguraw li ċ-ċertifikat maħruġ lil dawk l-ispetturi jindika b'mod ċar il-limitazzjoni tal-ispettur fit-tweqqif tat-testijiet tal-affidabbiltà stradali.

- (14) Illum, il-vetturi moderni jħaddnu ħafna sistemi elettroniċi avvanzati ġodda biex isiru aktar sikuri u biex jgħinu lis-sewwieq. Dawk is-sistemi jistgħu ma jkunux obligatorji jew obligatorji għall-approvazzjoni tat-tip meta r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> jirrikjedi l-installazzjoni ta' varjetà ta' sistemi avvanzati ta' assistenza għas-sewwieq, imfassla biex jevitaw il-ħabtiet u jnaqqsu l-vittmi u l-korrimenti serji. Madankollu, il-benefiċċji mistennija mhux ser jinkisbu jekk dawn is-sistemi jiddeterjoraw maż-żmien jew ikunu soġġetti għal tbaġħbis. Għalhekk, dawk is-sistemi elettroniċi ġodda jenħtieġ li jiġu inklużi fit-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali u fl-ispezzjonijiet waqt it-traġitt biex jiġi żgurat li dawn iwasslu l-benefiċċji tas-sikurezza mistennija tagħhom. Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sikur tal-vetturi awtomatizzati u l-ittestjar tas-sistemi tas-sikurezza elettroniċi matul il-ħajja utli tagħhom, jenħtieġ li l-elementi rilevanti li għandhom jiġu ttestjati jiġu inklużi fir-rekwiżiti minimi li jikkonċernaw il-kontenut u l-metodi rakkomandati għall-ittestjar stabbiliti fl-Annessi rispettivi tad-Direttivi 2014/45/UE u 2014/47/UE.
- (15) Filwaqt li t-trasport bit-triq jikkontribwixxi għal ishma sinifikanti ta' emissjonijiet dannużi ta' sustanzi niġġiesa tal-arja b'mod partikolari l-NO<sub>x</sub> u l-partikoli fini, il-metodi attwali tal-ittestjar għall-emissjonijiet tal-egżost mhumiex adattati għal vetturi u teknoloġiji aktar reċenti. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/688<sup>7</sup> kienet l-ewwel pass fl-armonizzazzjoni tal-kejl tan-numru ta' partikoli waqt l-ittestjar tal-affidabbiltà stradali. Fl-interess tas-saħħa pubblika, il-protezzjoni ambjentali u l-kompetizzjoni ġusta, l-elementi rilevanti li għandhom jiġu ttestjati matul it-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali u fl-ispezzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-annessi tad-Direttivi 2014/45/UE u 2014/47/UE issa jenħtieġ li jinkludu l-kejl tan-numru ta' partikoli u l-kejl tal-NO<sub>x</sub>.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI:<http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj>).

<sup>7</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/688 tal-20 ta' Marzu 2023 dwar il-kejl tan-numru ta' partikoli għall-ispezzjoni teknika perjodika ta' vetturi mġhamra b'magni ta' tqabbid bil-kompressjoni (ĠU L 90, 28.3.2023, p. 46, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2023/688/oj>).

- (15a) Għall-kejl tal-NOx minn vetturi b'magna ta' tqabbid bil-kompressjoni fl-ittestjar perjodiku tal-affidabbiltà stradali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tispeçifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti għall-prekundizzjonament tal-vetturi, abbażi ta' studji li jikkonfermaw l-adeqwatezza tal-metodi, u liema standards EURO jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni, qabel ma dawn il-vetturi jkunu jistgħu jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ittestjar tal-emissjonijiet. Il-kejl tal-NOx minn vetturi b'magna ta' tqabbid bil-kompressjoni fil-kontrolli waqt it-traġitt jista' jsir aktar faċilment peress li l-vetturi jintgħażlu u jissaħħnu għall-ittestjar. F'każ li jkun previst li s-segwitu jsir f'ċentru tal-ittestjar li jwettaq testijiet tal-affidabbiltà stradali, dak is-segwitu jiddependi mill-implimentazzjoni tal-metodi xierqa tal-ittestjar tal-emissjonijiet f'konformità mal-atti ta' implimentazzjoni.
- (15b) Fir-rigward tan-numru ta' partikoli (PN) u l-kejl tal-NOx għal vetturi b'magni ta' tqabbid bi spark, jenħtieġ li l-Kummissjoni tispeçifika l-metodi għall-kejl u l-valuri ta' limitu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni qabel ma jkunu jistgħu jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ittestjar tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni tista' tispeçifika l-metodu, il-valuri ta' limitu, u liema standards EURO għandhom jiġu inklużi għall-kejl tal-NOx minn magni ta' tqabbid bi spark permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.
- (15c) Il-kampanji ta' sejħa lura għall-vetturi f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/858 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u mar-Regolament (UE) 2023/988 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, jiddependu minn kemm jiġu segwiti mis-sidien tal-vetturi jew mid-detenturi ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni biex ikunu effettivi. It-testijiet tal-affidabbiltà stradali jistgħu jiffaċilitaw il-kampanji ta' sejħa lura tal-vetturi f'każ li n-nuqqas li jkun wassal għall-kampanja jirrappreżenta riskju serju għas-sikurezza jew għas-saħħa tal-persuni abbord jew ta' utenti oħra tat-triq jew tal-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita rabta bejn il-kampanji ta' sejħa lura u t-testijiet tal-affidabbiltà stradali. Permezz ta' din ir-rabta, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jiddeterminaw jekk kampanja partikolari ta' sejħa lura għandhiex tkun soġġetta għal ittestjar tal-affidabbiltà stradali, u li jikklassifikaw in-nuqqas li jkun ikkawża l-kampanja ta' sejħa lura, bħala nuqqas kbir jew perikoluż. Il-klassifikazzjoni tan-nuqqas tista' taffettwa l-eżitu tat-test tal-affidabbiltà stradali u tista' twassal biex il-vettura titqies li ma għaddietx mit-test sakemm in-nuqqas ikun ġie rettifikat u r-rettifika tiegħu tkun ġiet ivverifikata f'test tal-affidabbiltà stradali sussegwenti.

- (15d) L-istabbiliment tar-rabta bejn il-kampanji ta' sejħa lura u l-ittestjar tal-affidabbiltà stradali jiddependi fuq fluss affidabbli u aġġornat ta' informazzjoni mill-manifatturi lill-awtoritajiet kompetenti u sussegwentement liċ-ċentri tal-ittestjar. Dik ir-rabta hija mingħajr preġudizzju għar-regoli li jiżguraw li s-sid tal-vettura jew id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkun ġie infurmat kif xieraq dwar il-kampanja ta' sejħa lura u jkun ingħata l-opportunità li jippreżenta l-vettura għall-verifika u t-tiswija, u ma tbiddilx, jew tittrasferixxi lill-awtoritajiet pubbliċi, ir-responsabbiltajiet tal-manifatturi u ta' operaturi ekonomiċi oħra fil-katina tal-provvista li jieħdu miżuri korrettivi xierqa, inkluż is-sejħa lura tal-vetturi, meta vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza jew għas-saħħa tal-persuni abbord jew ta' utenti oħra tat-triq jew tal-ambjent.
- (16) [...].
- (17) [...]
- (18) Minbarra t-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali skedati, jenħtieġ li l-vetturi jkunu soġġetti wkoll għal test tal-affidabbiltà stradali jekk is-sistemi u l-komponenti ta' sikurezza jew ambjentali tal-vettura jkunu ġew mibdula jew modifikati b'mod sinifikanti. Dan jinkludi każijiet fejn ikun hemm bidla fil-kategorija tal-vettura jew fil-livelli tal-emissjonijiet, pereżempju wara l-installazzjoni ta' filtru tal-partikoli jew meta vettura tiġi kkonvertita biex taħdem bi fjuwil alternattiv jew bidla fis-sistema tas-sewqan. Dan ma jipprevjenix jew ma jirrestrinġix ir-regolamentazzjoni nazzjonali dwar l-approvazzjoni ta' vetturi modifikati jew mibdula rreġistrati fl-Istat Membru rispettiv.
- (19) Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni diġitali u jitnaqqsu l-kostijiet għaċ-ċentri tal-ittestjar, iċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali jenħtieġ li jinħarġu f'format elettroniku standardizzat. Jenħtieġ ukoll li tinħareġ kopja stampata taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali lill-persuna li ppreżentat il-vettura għall-ittestjar fuq talba. L-Istati Membri jenħtieġ li jaċċettaw iż-żewġ formati meta tinbidel is-sjieda tal-vettura jew meta l-vettura tiġi rreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru ieħor. Dan japplika wkoll għar-rapport tal-ispezzjoni aktar dettaljata waqt it-traġitt.

- (20) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-data personali għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jikkonforma mal-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup>. F'konformità mal-prinċipju tal-protezzjoni tad-data b'mod awtomatiku, jenħtieġ li jintużaw tekniki ta' verifika li ma jeħtiġux it-trażmissjoni ta' data personali fuq ċertifikati individwali għall-verifika ta' ċertifikati tal-affidabbiltà stradali.
- (21) Sabiex jiġi previst segwitu adegwat tan-nuqqasijiet meta vettura ma tgħaddix minn test perjodiku tal-affidabbiltà stradali minħabba nuqqas kbir jew perikoluż wieħed jew aktar fi Stat Membru għajr l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, ir-riżultat tat-test u l-iskadenza għat-test sussegwenti jenħtieġ li jiġu nnotifikati lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u rreġistrati fir-reġistru tal-vetturi. L-iskadenza għat-test sussegwenti jenħtieġ li ma tkunx ta' aktar minn xahrejn u jenħtieġ li ssir fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri. Barra minn hekk, biex jiġu evitati r-riskji immedjati għas-sikurezza fit-toroq jew għall-ambjent, meta vettura ma tkunx għaddiet mit-test perjodiku tal-affidabbiltà stradali minħabba nuqqas perikoluż wieħed jew aktar, l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti jenħtieġ li tkun tista' tiddeċiedi li l-vettura inkwistjoni ma għandhiex tintuża fit-toroq pubbliċi u titlob lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jissospendi l-awtorizzazzjoni tal-vettura għall-użu fit-traffiku fit-toroq, sakemm in-nuqqasijiet jiġu rettifikati u r-rettifika tkun ġiet ivverifikata f'test tal-affidabbiltà stradali sussegwenti. Is-sospensjoni jenħtieġ li tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-vetturi tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.
- (22) It-tbagħbis jew il-manipulazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet ta' vettura, is-sistema b'vultaġġ għoli, inkluż is-sistema ta' ġestjoni tal-batterija, is-silencer, jew is-sistemi relatati mas-sikurezza jistgħu jikkawżaw nuqqasijiet kbar jew perikolużi u jenħtieġ li jkunu punibbli b'penali effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji. It-tbagħbis jew il-manipulazzjoni jinvolvu fost affarijiet oħra d-diżattivazzjoni, il-modifika jew l-aġġustament intenzjonat tas-sistemi u l-komponenti tal-vettura, bl-għan li tinbidel il-funzjoni kif speċifikata oriġinarjament mill-manifattur, biex jiġu evitati r-regolamenti jew ir-rekwiżiti tekniċi.

---

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

- (23) Ir-rekwiżiti attwali stabbiliti fid-Direttivi 2014/45/UE u 2014/47/UE għall-Istati Membri biex jikkooperaw ma' xulxin meta jimplementaw dawk id-Direttivi ma jippermettux lill-Istati Membri jiċċekkjaw l-istatus legali u tekniku ta' vettura f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Sabiex tiġi żgurata aktar effettività, inkluż f'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istati Membri jenħtieġ li jassistu lil xulxin fl-implimentazzjoni tad-Direttivi b'mod aktar sistematiku. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-iskambju tal-informazzjoni u d-data dwar il-vetturi biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkonsultaw ir-reġistri tal-vetturi u l-bażijiet tad-data tal-affidabbiltà stradali ta' xulxin, inkluż il-kontenut taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u r-rapporti tal-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt. Dak l-iskambju jenħtieġ li jkopri wkoll iċ-ċertifikat ta' konformità maħruġ skont ir-Regolament (UE) 2018/858. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw aċċess għad-data skont ir-regoli dwar l-iskambju tad-data stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (24) Għall-iskambju tal-informazzjoni dwar il-vetturi rreġistrati fl-Unjoni, il-pjattaforma għall-iskambju tal-messaġġi MOVE-HUB ġiet żviluppata mill-Kummissjoni biex jiġu interkonnessi r-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri<sup>9</sup>. Il-pjattaforma bħalissa tospita l-interkonnessjoni tar-reġistri tal-impriżi tat-trasport bit-triq (ERRU, European registers of road transport undertakings), ir-reġistri tal-liċenzji tas-sewqan (RESPER), ir-reġistri tat-taħriġ professjonali tas-sewwieqa (ProDriveNet), ir-reġistri tal-kards tat-takografu tas-sewwieqa (TACHOnet), u n-notifika tal-fallimenti tal-ispezzjonijiet tal-vetturi waqt it-traġitt (RSI, roadside inspection failures)<sup>10</sup>.

---

<sup>9</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/480 tal-1 ta' April 2016 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1213/2010 (ĠU L 87, 2.4.2016, p. 4. ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2016/480/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2016/480/oj)).

<sup>10</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2205 tad-29 ta' Novembru 2017 dwar regoli dettaljati rigward il-proċeduri għan-notifika ta' vetturi kummerċjali b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi identifikati matul spezzjoni teknika waqt it-traġitt (ĠU L 314, 30.11.2017, p. 3, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2017/2205/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2205/oj)).

- (25) Il-funzjonalitajiet tas-sistema MOVE-HUB jenħtieġ li jiġu estiżi biex jippermettu l-iskambju meħtieġ ta' informazzjoni u data dwar il-vetturi għall-finijiet tad-Direttivi 2014/45/UE u 2014/47/UE. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jqabdu s-sistemi elettroniċi tagħhom li jkun fihom informazzjoni dwar iċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali, iċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali temporanji tal-UE u l-istorja tal-odometru mas-sistema MOVE-HUB għall-fini tal-iskambju ta' messaġġi. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw l-applikazzjonijiet tagħhom stess jew applikazzjonijiet ta' partijiet terzi, inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS), biex jaqdbu mas-sistema elektronika MOVE-HUB. L-iskambju tal-informazzjoni u d-data permezz tas-sistema MOVE-HUB jenħtieġ li jkun operazzjonali fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni korrispondenti skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2014/45/UE u l-Artikolu 18a tad-Direttiva 2014/47/UE.
- (26) Il-kriżijiet ikkawżati minn avvenimenti serji, li jseħħu għewwa l-Unjoni jew barra minnha, jistgħu jfixxlu b'mod sinifikanti t-tħaddim tas-sistema tal-affidabbiltà stradali tagħha. Matul iż-żminijiet ta' kriżi, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jestendu l-validità taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali, inkluż iċ-ċertifikati temporanji tal-UE ta' affidabbiltà stradali. Soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jestendu l-validità amministrattiva taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u iċ-ċertifikati temporanji tal-UE ta' affidabbiltà stradali li jiskadu b'6 xhur. Fejn il-kriżi tippersisti, jenħtieġ li jkun possibbli li l-validità tiġi estiża aktar.
- (27) Il-vetturi kummerċjali ħfief tal-kategorija N1 jintużaw b'mod aktar intensiv mill-karozzi privati, spiss f'żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni. Minħabba ż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief fil-kategorija N1 fiċ-ċirkolazzjoni fl-Unjoni, biex jiġu promossi kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi kummerċjali fl-Unjoni u biex ikomplu jittejbu s-sikurezza u l-prestazzjoni ambjentali tagħhom, il-vetturi kummerċjali ħfief tal-kategorija N1 jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għal spezzjonijiet waqt it-traġitt.

- (28) Għall-ispezzjonijiet waqt it-traġitt, l-iskrinjar tal-emissjonijiet tal-egżost ta' għadd kbir ta' vetturi bl-użu ta' tagħmir ta' telerilevament huwa miżura effettiva għall-identifikazzjoni tal-vetturi b'emissjonijiet għoljin. L-esperjenza f'xi Stati Membri wriet li r-rati ta' detezzjoni jiżdi b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-metodi ta' ttestjar obbligatorji. It-tagħmir ta' telerilevament jista' jintuża b'mod sistematiku biex jiskrinjaw ishma kbar tal-flotta tal-vetturi f'kundizzjonijiet reali fit-triq. L-emissjonijiet tal-vetturi huma dinamiċi, bl-ogħla livelli ta' emissjonijiet iseħħu aktar ta' spiss f'kundizzjonijiet speċifiċi, bħal waqt startjar kiesaħ. Kejl wieħed ta' telerilevament stazzjonarju jista' jindika b'suċċess vettura b'emissjonijiet għoljin li tkun difettuża jew imbagħbsa. Skont id-daqs tal-qbiż imkejjel, jista' jkun meħtieġ kejl multiplu ta' telerilevament stazzjonarju sabiex vettura tiġi kkonfermata bħala emittent għoli. Peress li tali difetti u modifiki jiġġeneraw emissjonijiet eċċessivi li jgħolqu riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, jenħtieġ li dawn jissewew, u kwalunkwe tbaġħbis jenħtieġ li jiġi sanzjonat.
- (28a) It-telerilevament ma jistax jissostitwixxi spezzjoni waqt it-traġitt, iżda jista' jintuża biex jintgħażlu vetturi għal spezzjoni ulterjuri waqt it-traġitt. Il-verifika tal-kejl tat-telerilevament tista' ssir jew bħala spezzjoni waqt it-traġitt immedjatament wara kejl ta' telerilevament jew f'ċentru tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali. Minħabba li t-telerilevament jidentifika vetturi b'emissjonijiet għoljin irrispettivament mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tagħhom, l-Istat Membru li jkun identifika l-vettura u l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni jenħtieġ li jikkooperaw biex jiżguraw segwitu adegwat, ibbażat fuq valuri armonizzati għall-vetturi b'emissjonijiet għoljin.

- (28b) Il-verifika waqt it-traġitt jew f'ċentru ta' spezzjoni jenħtieġ li ssegwi l-metodi ta' ttestjar stipulati fil-punti 8.1 u 8.2 tal-Anness II tad-Direttiva 2014/47/UE u tal-Anness I tad-Direttiva 2014/45/UE, rispettivament. Dan ifisser, pereżempju, li fejn ikun hemm suspett li karozza jew vettura kummerċjali ħafifa diżil tal-kategorija N1 mgħammra b'magna Euro 5b jew aktar għdida jew vettura kummerċjali tqila jew coach Euro VI tarmi aktar partikoli fini mill-limitu legali fiż-żmien tal-approvazzjoni tagħha, l-emissjonijiet tagħha jenħtieġ li jiġu vverifikati bl-użu ta' kejl tan-numru ta' partikoli skont il-punt 8.2.3.1 fl-Anness rilevanti. Għall-vetturi diżil mingħajr filtru tal-partikoli, l-emissjonijiet ser jiġu vverifikati bl-użu tal-kejl tal-opaċità. Il-verifika tal-emissjonijiet NOx ta' vetturi diżil issegwi l-metodu l-għdid ta' kejl skont il-punt 8.2.3.3 fl-Anness rilevanti. L-Istati Membri jenħtieġ li jiddeterminaw il-metodu ta' verifika tal-emissjonijiet tal-egżost għall-vetturi tal-kategorija L. L-emissjoni tal-istorbju jenħtieġ li tiġi vverifikata bl-użu ta' miter tal-livell tal-ħoss.
- (29) [...]
- (30) Id-Direttiva 2014/47/UE tispeċifika sehem minimu ta' vetturi kummerċjali tqal li għandhom jiġu ttestjati waqt it-traġitt kull sena fl-Unjoni iżda ma tistabilixxi l-ebda mira fil-livell tal-Istati Membri, li jirriżulta f'diffikultà fl-infurzar ta' dak is-sehem minimu. Sabiex jiġi żgurat li l-ispezzjonijiet waqt it-traġitt ta' vetturi kummerċjali jikkontribwixxu għal sikurezza mtejba fit-toroq u tnaqqis fit-tniġġis tal-arja fl-Unjoni, jenħtieġ li kull Stat Membru jwettaq għadd totali ta' spezzjonijiet tekniċi inizjali waqt it-traġitt kull sena, li jikkorrispondu għal mill-inqas 5 % tal-għadd totali ta' vetturi kummerċjali tqal. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu spezzjonijiet tekniċi inizjali waqt it-traġitt ta' vetturi kummerċjali ħfief tal-kategorija N1 li jikkorrispondu għal mill-inqas 10 % tal-għadd totali ta' spezzjonijiet tekniċi inizjali waqt it-traġitt ta' vetturi kummerċjali tqal.
- (31) Sabiex tiġi promossa t-trasformazzjoni diġitali u jitnaqqsu l-kostijiet fis-settur tat-trasport, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jaċċettaw l-evidenza elettronika tal-ispezzjonijiet waqt it-traġitt.

- (32) L-irbit tal-merkanzija huwa kruċjali għas-sikurezza stradali. Jenħtieġ li valutazzjoni viżwali tal-irbit tal-merkanzija tkun parti obligatorja tal-ispezzjonijiet inizjali waqt it-traġitt fl-Istati Membri kollha. Spezzjoni aktar dettaljata tal-irbit tal-merkanzija tista' ssegwi abbażi tal-eżitu tal-ispezzjoni inizjali waqt it-traġitt.
- (33) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika: (a) il-ġabra ta' informazzjoni teknika u data meħtieġa għall-ittejtjar tal-affidabbiltà stradali li għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, (b) il-karatteristiċi tal-interoperabbiltà u l-miżuri ta' sigurtà applikabbli għall-kodiċijiet QR introdotti fiċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali, (c) il-karatteristiċi u r-rekwiżiti meħtieġa għall-format u l-kontenut tal-informazzjoni u d-data li għandhom jiġu skambjati, (d) il-format li fih għandha tiġi kkomunikata d-data dwar l-ittejtjar perjodiku u l-ispezzjonijiet waqt it-traġitt, (e) ir-rekwiżiti għall-prekundizzjonament tal-vetturi, u tispeċifika liema standards EURO jenħtieġ li jiġu inklużi għall-kejl tal-ossidi tan-nitroġenu (NOx) tal-magni ta' tqabbid bil-kompressjoni fiċ-ċentri tal-ittejtjar tal-affidabbiltà stradali, (f) il-metodi u l-valuri ta' limitu għall-kejl tan-numru ta' partikoli (PN) u għall-kejl tal-ossidi tan-nitroġenu (NOx) tal-magni ta' tqabbid bi spark, u (g) tistabilixxi l-limiti komuni għall-emissjonijiet tal-egżost jew tal-istorbju jew it-tnejn li huma li jenħtieġ li jintużaw biex jiġu identifikati, permezz tat-telerilevament, vetturi b'emissjonijiet għoljin meta tali identifikazzjoni jenħtieġ li tirriżulta f'segwitu transfruntier. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>.
- (34) [...]

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (35) L-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri, li tittiejjeb is-sikurezza fit-toroq, jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni u jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom peress li r-regoli nazzjonali li jirregolaw dawk il-kontrolli tal-vetturi jwasslu għal rekwiżiti diverġenti. Għaldaqstant, tali objettivi jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni billi jiġu stabbiliti rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar it-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-vetturi li jiċċirkolaw fl-Unjoni. Għaldaqstant, l-UE tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.
- (36) Fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/45/UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni d-data ewlenija dwar l-għadd totali ta' vetturi spezzjonati għal kull kategorija, iż-żoni kkontrollati u l-elementi li ma rnexxewx. Waqt l-ispezzjonijiet waqt it-traġitt, huwa meħtieġ rappurtar inqas frekwenti.
- (37) Sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv filwaqt li tiġi żgurata l-utilità tal-informazzjoni rrapportata, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi 2014/45/UE u 2014/47/UE kull 3 snin.
- (38) Is-sistema tal-affidabbiltà stradali għandha impatt dirett fuq is-sikurezza fit-toroq, l-istorbju u l-emissjonijiet u għalhekk jenħtieġ li tiġi rieżaminata perjodikament. Abbażi tal-kontribut mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effettività tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/45/UE, inkluż dawk dwar il-kamp ta' applikazzjoni, il-frekwenza tal-ittestjar u r-rikonoxximent ta' ċertifikati temporanji tal-UE ta' affidabbiltà stradali, u d-Direttiva 2014/47/UE. Jenħtieġ li ssir enfasi speċjali fuq l-esperjenza miksuba bit-telerilevament, bil-ħsieb li tiġi inkorporata b'mod ġenerali fis-sistema tal-affidabbiltà stradali, fejn xieraq.

- (39) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fil-[JJ/XX/SSSS].
- (40) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni<sup>12</sup>, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet ġustifikati, iżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur jidhirlu li t-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.
- (41) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttivi 2014/45/UE u 2014/47/UE jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

---

<sup>12</sup> ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

## Artikolu 1

### Emendi tad-Direttiva 2014/45/UE

Id-Direttiva 2014/45/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, is-sitt inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "– vetturi b'żewġ jew tliet roti – kategoriji ta' vetturi L3e, L4e, L5e u L7e b'ċilindrata tal-magna ta' aktar minn 125 cm<sup>3</sup>, jew b'potenza netta jew nominali kontinwa massima ta' aktar minn 11 kW;
- it-tratturi bir-roti tal-kategoriji T5, T1b, T2b, T3b, T4.1b, T4.2b u T4.3b li l-użu tagħhom iseħħ l-aktar f'toroq pubbliċi għal skopijiet kummerċjali ta' trasport tal-merkanzija bit-triq.";

(b) fil-paragrafu 2, is-seba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej: "

- il-vetturi fil-kategoriji L3e, L4e, L5e u L7e, b'ċilindrata tal-magna ta' aktar minn 125 cm<sup>3</sup>, jew b'potenza nominali kontinwa massima jew netta ta' aktar minn 11 kW, fejn l-Istat Membru jkun stabbilixxa miżuri alternattivi effettivi tas-sikurezza fit-toroq għal vetturi b'żewġ roti jew tlieta, filwaqt li titqies b'mod partikolari l-istatistika rilevanti dwar is-sikurezza fit-toroq li tkopri l-aħħar ħames snin. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn l-eżenzjonijiet lill-Kummissjoni.";

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "(1) "vettura" tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur li ma timxix fuq il-linji ferrovjarji jew it-trejler tagħha, ħliet trolleybuses, jiġifieri vetturi konnessi ma' konduttur elettriku;"

(b) jiddaħħal il-punt (6a) li ġej:

"(6a) "vettura konnessa" tfisser kwalunkwe vettura manifatturata b'konnessjoni mingħajr fili li tkun kapaċi tittrażmetti l-qari tal-odometru;"

(c) il-punt (10) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(10) "approvazzjoni" tfisser proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li vettura tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti msemmija fir-Regolamenti (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2018/858;"

(d) il-punt (12) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(12) 'ċertifikat tal-affidabilità stradali' tfisser rapport tat-test tal-affidabilità stradali f'format diġitali, jew kopja stampata tiegħu, li jista' jiġi vverifikat f'konformità mal-Artikolu 8(2) u li jinħareġ mill-awtorità kompetenti jew minn ċentru tal-ittejtjar;"

(e) jiddaħħal il-punt (12a) li ġej:

(12a) "ċertifikat temporanju tal-affidabilità stradali tal-UE" tfisser ċertifikat tal-affidabilità stradali maħruġ mill-awtorità kompetenti, jew ċentru tal-ittejtjar stabbilit fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura f'konformità mal-Artikolu 8;"

(3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### *"Artikolu 4*

#### Responsabbiltajiet

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-vetturi rreġistrati fit-territorju tiegħu jiġu ttejtjati perjodikament f'konformità ma' din id-Direttiva.
2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, it-testijiet tal-affidabilità stradali għandhom jitwettqu mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, minn korp pubbliku fdat b'dak il-kompitu minn dak l-Istat Membru jew minn korpi jew stabbilimenti deżinjati u ssorveljati minn dak l-Istat Membru, inkluż korpi pubbliċi jew privati awtorizzati.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu ċertifikat tal-affidabbiltà stradali maħruġ minn Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. F'każijiet bħal dawn, dak iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali għandu jittqies ekwivalenti għaċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali maħruġ mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jirrikonoxxu ċertifikat tal-affidabbiltà stradali maħruġ minn Stat Membru ieħor għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.
4. Fil-każ ta' vetturi M<sub>1</sub> u N<sub>1</sub>, it-testijiet tal-affidabbiltà stradali jistgħu, f'konformità mal-Artikolu 8, jitwettqu wkoll fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. L-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandu jirrikonoxxi l-validità ta' ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE maħruġ f'dak l-Istat Membru l-ieħor.
5. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni teknika f'format speċifikat mill-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 mingħajr hłas, u mingħajr dewmien żejjed, lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, b'mod nondiskriminatorju u f'format li jinqara mill-magni. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jagħtu l-kompitu lill-korpi ċentralizzati tad-data biex jorganizzaw il-fluss tad-data mill-manifatturi u jimmaniġġjaw l-aċċess għall-informazzjoni teknika. L-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi ċentralizzati tad-data assenjati għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni teknika disponibbli għaċ-ċentri tal-ittestjar.
6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika s-sett ta' informazzjoni teknika li għandu jintuża għall-ittestjar tal-affidabbiltà stradali tal-elementi li għandhom jiġu ttestjati, dwar l-użu tal-metodi tal-ittestjar rakkomandati, u tistabilixxi regoli dettaljati dwar il-format tad-data, u l-proċeduri għall-aċċess għall-informazzjoni teknika rilevanti, filwaqt li tiżgura li l-informazzjoni tippermetti li tiġi identifikata b'mod ċar il-vettura u l-lista li tirriżulta ta' għażliet imwaħħla fil-fabbrika. Tali informazzjoni teknika tista' tinkludi, b'mod partikolari, l-istruzzjonijiet u d-data dwar l-użu tal-interfaċċa tal-vettura elettronika, dwar il-kodiċijiet dijanjostiċi tal-problema, l-identifikazzjoni tal-integrità u l-verżjoni korretta tas-software, u d-deskrizzjoni u l-illustrazzjoni tal-indikaturi ta' twissija jew tal-indikaturi operatorji.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom iqisu l-kundizzjonijiet u l-miżuri għall-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBd stabbiliti f'konformità mal-Anness X, l-Appendiċi 4 tar-Regolament (UE) 2018/858; madankollu, l-għoti ta' informazzjoni teknika identifikata mill-Kummissjoni f'konformità mas-subparagrafu 1 għandu jkun mingħajr ħlas.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltajiet għaż-żamma ta' vettura f'kundizzjoni ta' sikurezza u ta' affidabbiltà stradali huma stabbiliti fil-liġi nazzjonali.";

(4) jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:

*"Artikolu 4a*

Reġistrazzjoni tal-qari tal-odometru

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-qari tal-odometru jiġi rreġistrat f'bażi tad-data nazzjonali jew reġistru tal-vetturi b'rabta mat-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali tal-vetturi tal-kategoriji  $M_1$  u  $N_1$  u meta s-sewweġja awtorizzati mill-manifatturi tal-vetturi jwettqu xogħol ta' tiswija jew manutenzjoni fuq tali vettura. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu wkoll li l-manifatturi tal-vetturi jew ir-rappreżentanti tagħhom jittrażmettu l-qari tal-odometru tal-vetturi konnessi li jkunu pproduċew kull tliet xhur mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura. Dan il-qari tal-odometru għandu jiġi rreġistrat f'dik il-bażi tad-data nazzjonali jew fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi.
2. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu wkoll li fornituri oħra ta' servizzi, bħal dawk li jwettqu xogħol ta' tiswija jew manutenzjoni fuq tali vettura, jirreġistraw il-qari tal-odometru fil-bażi tad-data jew fir-reġistru nazzjonali tal-vetturi msemmi fil-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-istorja tal-odometru tal-vetturi rreġistrati minnhom disponibbli għall-ispetturi, għad-detentur taċ-ċertifikat ta' rreġistrazzjoni u għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri responsabbli għall-ittestjar tal-affidabbiltà stradali, għar-rreġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi, għall-approvazzjoni tal-vetturi u għar-reġistru jew il-bażi tad-data msemmija fil-paragrafu 1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu biss valutazzjoni tal-istorja tal-odometru disponibbli għall-ispetturi.
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jagħmlu lix-xerrejja potenzjali ta' vetturi użati konxji mill-aċċess tad-detentur taċ-ċertifikat ta' rreġistrazzjoni għall-istorja tal-odometru tal-vettura msemmija fil-paragrafu 3.
5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli wkoll id-data tal-odometru maħżuna fil-bażijiet tad-data nazzjonali jew fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi msemmija fil-paragrafu 1, għall-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u għall-Kummissjoni (Eurostat) f'konformità mal-Artikoli 17a u 17b tar-Regolament (KE) 223/2009\*.
6. Fil-każ ta' tbaġħbis jew manipolazzjoni ta' odometri bl-għan li jitnaqqas jew jiġi rpreżentat ħażin ir-rekord tad-distanza ta' vettura, tali tbaġħbis jew manipolazzjoni għandha tiġi kkastigata b'penali effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

\* Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164, ELI:<http://data.europa.eu/eli/reg/2009/223/oj>).';

(5) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

*"Artikolu 5*

Data u frekwenza tal-ittestjar

1. Il-vetturi għandhom ikunu soġġetti għal test tal-affidabbiltà stradali tal-inqas fl-intervalli li ġejjin, mingħajr preġudizzju għall-perjodu ta' flessibilità applikat fl-Istati Membri skont il-paragrafu 4:
  - (a) il-vetturi tal-kategorija M1 u N1: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, u minn dakinhar, kull sentejn;
  - (b) il-vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub> użati bħala taksis jew ambulanzi, il-vetturi tal-kategoriji M<sub>2</sub>, M<sub>3</sub>, N<sub>2</sub>, N<sub>3</sub>, O<sub>3</sub> u O<sub>4</sub>: sena wara d-data li fiha l-vettura kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, u minn dakinhar, kull sena;
  - (c) it-tratturi bir-roti tal-kategoriji T5, T1b, T2b, T3b, T4.1b, T4.2b u T4.3b li l-użu tagħhom iseħħ l-aktar f'toroq pubbliċi għal skopijiet kummerċjali ta' trasport tal-merkanzija bit-triq: erba' snin wara d-data li fiha l-vettura kienet ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, u minn dakinhar, kull sentejn.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, fil-każ tat-testijiet tal-affidabilità stradali msemmija fl-Artikolu 4(4), l-Istati Membri għandhom jiskeddaw it-test tal-affidabilità stradali li jmiss b'tali mod li l-perjodu ta' durata ta' ċertifikat temporanju tal-affidabilità stradali jiġi rrispettat.
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu intervalli xierqa li fihom il-vetturi tal-kategoriji L3e, L4e, L5e u L7e b'ċilindrata tal-magna ta' aktar minn 125 cm<sup>3</sup> jew b'potenza netta jew nominali kontinwa massima ta' aktar minn 11 kW, iridu jkunu soġġetti għal test tal-affidabilità stradali.
3. Minkejja d-data tal-aħħar test tal-affidabilità stradali ta' vettura, il-vetturi għandhom jgħaddu minn test tal-affidabilità stradali meta s-sistemi u l-komponenti tas-sikurezza u ambjentali tal-vettura jkunu nbidlu jew ġew modifikati b'mod sinifikanti.

4. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu perjodu raġonevoli li matulu jrid jitwettaq it-test tal-affidabbiltà stradali, li ma jaqbiżx l-intervalli stabbiliti fil-paragrafu 1.";

(6) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-kategorija tal-vetturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-kategoriji L3e, L4e, L5e u L7e, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tal-affidabbiltà stradali jkopri l-oqsma msemmija fil-punt 2 tal-Anness I.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għal kull qasam imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew iċ-ċentru tal-ittejtjar għandhom iwettqu test tal-affidabbiltà stradali li jkopri tal-inqas l-elementi msemmijin fil-punt 3 tal-Anness I billi jintużaw metodu rakkomandat jew wieħed ekwivalenti li jkun approvat mill-awtorità kompetenti applikabbli għall-ittejtjar ta' dawk l-elementi, kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness I. It-test jista' jinkludi wkoll verifika dwar jekk il-partijiet u l-komponenti rispettivi ta' dik il-vettura jikkorrispondux għall-karatteristiċi rikjesti ta' sikurezza u ambjentali li kienu fis-seħħ fil-mument tal-approvazzjoni jew, jekk applikabbli, fil-mument tar-retrofitting.

It-testijiet għandhom jitwettqu bl-użu ta' tekniki u tagħmir attwalment disponibbli mingħajr l-użu ta' għodod biex tiżżarma jew titneħħa kwalunkwe parti tal-vettura.

Sa [JEKK JOGĦĠBOK DAĦĦAL: 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jispeċifikaw

a) il-metodi għall-prekundizzjonament tal-vettura għall-kejl tal-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu (NOx) minn magni ta' tqabid bil-kompressjoni u l-identifikazzjoni tal-klassijiet tal-emissjonijiet EURO relatati ma' dawk il-metodi,

b) il-metodi u l-valuri ta' limitu għall-kejl tal-emissjonijiet tan-numru ta' partikoli (PN) minn magni ta' tqabid bi spark,

kif imsemmi fil-punt 8.2 tal-punt 3 tal-Anness I. Il-proċeduri tal-ittejtjar għandhom ikunu operattivi fiċ-ċentri tal-ittejtjar fi żmien erba' snin wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-metodi u l-valuri ta' limitu, u biex tidentifika l-klassijiet tal-emissjonijiet EURO relatati ma' dawk il-metodi, għall-kejl tal-NOx minn magni ta' tqabbid bi spark imsemmija fil-punt 8.2 tal-punt 3 tal-Anness I. Il-proċeduri tal-ittestjar għandhom ikunu operattivi fiċ-ċentri tal-ittestjar fi żmien erba' snin wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għall-kategoriji ta' vetturi L3e, L4e, L5e u L7e, b'ċilindrata tal-magna ta' aktar minn 125 cm<sup>3</sup> jew b'potenza netta jew nominali kontinwa massima ta' aktar minn 11 kW, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw iż-żoni, l-elementi u l-metodi xierqa tal-ittestjar.";

(d) Jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Għall-fini tal-ħruġ ta' ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE skont l-Artikolu 4(4), meta l-vettura tkun manifatturata għas-sewqan fuq in-naħa l-oħra tat-triq, ma għandhiex tkun soġġetta għal testijiet tal-elementi fl-Anness I, li l-vettura ma tkunx manifatturata biex tikkonforma magħhom fl-Istat Membru li jwettaq it-test.";

(7) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### *"Artikolu 8*

Ċertifikat tal-affidabilità stradali u ċertifikat temporanju tal-affidabilità stradali tal-UE

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċentru tal-ittestjar jew, fejn rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti, li jkunu wettqu test tal-affidabbiltà stradali fuq vettura joħroġu ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jew, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 4(4), ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE, għal dik il-vettura li jindika, tal-inqas, l-elementi standardizzati tal-kodiċijiet armonizzati korrispondenti tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Anness II.

B'effett minn [dħul fis-seħħ + 4 snin + jum (1)], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u ċ-ċertifikati temporanji tal-affidabbiltà stradali tal-UE jinħarġu bħala attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u ċertifikati temporanji tal-affidabbiltà stradali tal-UE jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa għall-awtentikazzjoni u l-validazzjoni ta' dawn iċ-ċertifikat.

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar emittenti fdati ta' ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u ċertifikati temporanji tal-affidabbiltà stradali tal-UE li huma għandhom iżommu aġġornati. Il-Kummissjoni għandha taġġmel lista ta' dawk l-emittenti disponibbli pubblikament permezz ta' kanal sigur u f'forma ffirmata jew issiġillata elettronicament adatta għall-ipproċessar awtomatizzat.

- 1a. Ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE għandu jkun validu għal sitt xhur. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika mingħajr dewmien żejjed, u mhux aktar tard minn ħamest ijiem kalendarji, ir-riżultat tat-test lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

Sakemm l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni ma jirrikonossix iċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali maħruġa mill-Istat Membru kkonċernat f'konformità mal-Artikolu 4, il-paragrafu 3, it-test tal-affidabbiltà stradali sussegwenti għandu jsir fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura; iċ-ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE għandu jkun fih informazzjoni b'rabta ma' dan.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li ċ-ċentri tal-ittestjar jew, fejn rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti, jipprovdu, fuq talba, kopja stampata taċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jew taċ-ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE lill-persuna li tippreżenta l-vettura għall-ittestjar. Dawk il-kopji stampati għandhom ikunu faċli għall-utent u għandu jkun fihom kodiċi QR interoperabbli, li jippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità tiegħu. Sa sena wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 8, il-kodiċi QR għandu jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'dawk l-atti ta' implimentazzjoni. L-informazzjoni li tinsab fiċ-ċertifikat għandha tintwera wkoll f'forma li tinqara mill-bniedem u għandha tiġi pprovduta mill-inqas bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru emittenti.

3. Minkejja l-Artikolu 5, fil-każ ta' reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura diġà rreġistrata fi Stat Membru ieħor, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali maħruġ minn dak l-Istat Membru l-ieħor, kemm jekk f'format elettroniku kif ukoll stampat, daqslikieku häreġ dak iċ-ċertifikat huwa stess, dment li ċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jkun għadu validu f'termini tal-intervalli tal-frekwenza stabbiliti għat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni mill-ġdid.
- 3a. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw kwalunkwe mudell ġdid taċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jew taċ-ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE, u d-deskrizzjoni tas-sett tad-data maħruġa għaċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali bħala attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien żejjed. Il-Kummissjoni għandha tippubblika daww il-mudelli u d-deskrizzjonijiet tas-settijiet tad-data.
4. Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-validità ta' ċertifikat tal-affidabbiltà stradali, kemm jekk f'format diġitali jew stampat, fejn ikun hemm bidla fis-sjeda ta' vettura li jkollha prova valida ta' test perjodiku tal-affidabbiltà stradali.
5. Iċ-ċentri tal-ittestjar għandhom jikkomunikaw elettronikament, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali jew fiċ-ċertifikati temporanji tal-affidabbiltà stradali tal-UE li joħorġu. Tali komunikazzjoni għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara li jinħareġ kull ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jew ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-perjodu li matulu l-awtorità kompetenti trid iżżomm dik l-informazzjoni. Dak il-perjodu ma għandux ikun ta' inqas minn 36 xahar, mingħajr preġudizzju għas-sistemi fiskali nazzjonali tal-Istati Membri.
6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jew iċ-ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE preċedenti tkun disponibbli għall-ispetturi.
7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-riżultati tat-test tal-affidabbiltà jiġu nnotifikati jew isiru disponibbli elettronikament malajr kemm jista' jkun għall-awtorità responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-vettura. Dik in-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali.

8. Sa [data tad-dħul fis-seħħ + sentejn], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-regoli rigward dan li ġej:

- (a) il-ħruġ u l-verifika b'mod sigur ta' ċertifikati msemmija fil-paragrafi 1 u 2;
- (b) l-iżgurar tal-protezzjoni u s-sigurtà tad-data personali;
- (c) l-istabbiliment tal-istruttura komuni tad-data ta' ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u ta' ċertifikati temporanji tal-affidabbiltà stradali tal-UE;
- (d) il-ħruġ u l-verifika ta' kodiċi QR validu, sigur u interoperabbli;
- (e) in-notifika ta' emittenti fdati ta' ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u ċertifikati temporanji tal-affidabbiltà stradali tal-UE.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).

---

\*\* Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj>");

(8) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

Segwitu tan-nuqqasijiet

1. Fil-każ ta' nuqqasijiet minuri biss, it-test għandu jitqies li jkun tlesta b'suċċess, in-nuqqasijiet għandhom jiġu rettifikati, u l-vettura ma għandhiex tiġi ttestjata mill-ġdid.
2. Fil-każ ta' nuqqasijiet kbar, it-test għandu jitqies li ma jkunx irnexxa. L-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandhom jiddeċiedu dwar il-perjodu li matulu l-vettura inkwistjoni tista' tintuża qabel ma tkun meħtieġa tgħaddi minn test ieħor tal-affidabbiltà stradali, li għandu jsir mhux aktar tard minn xahrejn wara t-test inizjali. Ir-riżultat tat-test u l-limitu ta' żmien sat-test sussegwenti għandhom jiġu nnotifikati lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u rreġistrati fir-reġistru tal-vetturi f'konformità mal-Artikolu 3a(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE\*\*\*. Dak it-test sussegwenti jista' jsir fl-Istat Membru fejn il-vettura ma tkunx għaddiet mit-test inizjali, jew fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.
3. Fil-każ ta' nuqqasijiet perikolużi, it-test għandu jitqies li ma jkunx irnexxa. L-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti jistgħu jiddeċiedu li l-vettura inkwistjoni ma għandhiex tintuża fit-toroq pubbliċi u li l-awtorizzazzjoni għall-użu tagħha fit-traffiku fit-toroq trid tiġi sospiża għal perjodu ta' żmien limitat, mingħajr il-ħtieġa ta' proċess ġdid ta' reġistrazzjoni. Tali talba għal sospensjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u s-sospensjoni għandha tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-vetturi f'konformità mal-Artikolu 3a(1) tad-Direttiva 1999/37/KE. Meta n-nuqqasijiet jiġu rettifikati, għandu jinħareġ ċertifikat ġdid tal-affidabbiltà stradali mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni mingħajr dewmien li jixhed li l-vettura tinsab f'kundizzjoni tajba għat-triq.

4. It-tbagħbis jew il-manipulazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet ta' vettura, is-sistema b'vultaġġ għoli, inkluż is-sistema ta' ġestjoni tal-batterija, is-silencer, jew is-sistemi relatati mas-sikurezza li jikkawżaw nuqqasijiet kbar jew perikolużi, għandha tkun punibbli b'penali effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

---

\*\*\* Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1999/37/oj>");

- (8a) Fl-Artikolu 10, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Iċ-ċentru tal-ittestjar jew, jekk ikun rilevanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li tkun wettqet it-test tal-affidabbiltà stradali fuq vettura rreġistrata fit-territorju tagħha jew test tal-affidabilità stradali f'konformità mal-Artikolu 4(4) għandha tipprovdi prova, bħalma hi indikazzjoni fid-dokument ta' reġistrazzjoni tal-vettura, adeżiv, ċertifikat, verifika b'mezzi elettroniċi jew kwalunkwe informazzjoni oħra li tkun aċċessibbli faċilment, lil kull vettura li tkun għaddiet test bħal dan. Il-prova għandha tindika d-data sa meta għandu jsir it-test tal-affidabbiltà stradali li jmiss.";

(9) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

*"Artikolu 16*

Skambju tad-data bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u d-data b'mod partikolari bl-għan li jivverifikaw, fil-ħin tal-ittestjar tal-affidabbiltà stradali, l-istatus legali u tekniku tagħhom, fejn meħtieġ fl-Istat Membru li fih tkun irreġistrata.
  - a. L-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess għad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, id-data dwar il-kontenut taċ-ċertifikati ta' konformità jekk disponibbli, ir-riżultat fl-aħħar ċertifikat tal-affidabbiltà stradali jew, fil-każ imsemmi fl-Artikolu 4(4), iċ-ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE maħruġ matul l-aħħar tliet snin, ir-rapporti tekniċi tal-ispezzjonijiet waqt it-traġitt ta' mill-inqas l-aħħar tliet snin, u l-istorja tal-odometru tal-vettura maħżuna fil-bażijiet tad-data nazzjonali u li tkopri mill-inqas l-aħħar tliet snin, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u liċ-ċentri tal-ittestjar awtorizzati minnhom.
  - b. L-Istati Membri għandhom jinterkonnettjaw is-sistemi elettroniċi tagħhom dwar id-data li tinsab fiċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali, iċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali temporanji tal-UE u dwar l-istorja tal-odometru permezz tas-sistema elektronika MOVE-HUB żviluppata mill-Kummissjoni b'tali mod li l-awtoritajiet kompetenti u ċ-ċentri tal-ittestjar awtorizzati ta' kwalunkwe Stat Membru jkunu jistgħu jikkonsultaw il-bażi tad-data rilevanti jew ir-reġistru nazzjonali tal-vetturi ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor f'ħin reali.
  - c. L-obbligu stabbilit fis-subparagrafu (b) għandu jitqies issodisfatt meta l-Istati Membri jużaw l-applikazzjonijiet tagħhom stess jew applikazzjonijiet ta' partijiet terzi inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS), biex jiskambjaw data u biex jaqbd u mas-sistema elektronika MOVE-HUB.

2. Sa [JEKK JOGĦĠBOK DAĦĦAL ID-DATA: sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tas-sistema elettronika MOVE-HUB u li jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi għall-format u l-kontenut tal-informazzjoni u d-data li għandhom jiġu skambjati mill-Istati Membri fir-rigward tal-vetturi soġġetti għall-ittestjar tal-affidabbiltà stradali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tad-data personali u għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).
3. L-interkonnessjonijiet tas-sistemi elettroniċi previsti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu operazzjonali fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.";

(10) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– taġġorna biss id-deżinjazzjonijiet tal-kategorija ta' vetturi msemmija fl-Artikolu 2(1), l-Artikolu 5(1) u (2), u l-Artikolu 6(1) u (2) kif xieraq f'każ ta' bidliet fil-kategoriji ta' vetturi li jirriżultaw minn emendi tal-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 2(1), mingħajr ma jiġu affettwati l-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenzi tat-testijiet;"

(b) it-tielet inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"– tadatta l-punt 3 tal-Anness I, wara l-valutazzjoni pożittiva tal-kostijiet u l-benefiċċji involuti, fir-rigward tal-lista tal-elementi tat-test, il-metodi, ir-raġunijiet għalfejn l-element ma jgħaddix mit-test u l-valutazzjoni tan-nuqqasijiet.

(11) L-Artikolu 20 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 20*

Rapportar

Sal-31 ta' Marzu 2032, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-effettività tad-dispożizzjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-vetturi tal-kategorija L, il-frekwenza tal-ittestjar, ir-rikonnoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali f'każijiet ta' reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vetturi li joriġinaw minn Stat Membru ieħor, u r-rikonnoxximent ta' ċertifikati temporanji tal-affidabbiltà stradali tal-UE. Ir-rapport għandu janalizza wkoll jekk huwiex meħtieġ li l-Annessi jiġu aġġornati, b'mod partikolari fid-dawl tal-progress u l-prattiki tekniċi.";

(12) jiddaħħal l-Artikolu 20a li ġej:

*Artikolu 20a*

Komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Marzu 2030, u sal-31 ta' Marzu ta' kull tielet sena minn dakinhar, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni permezz tal-pjattaforma ta' rapportar online msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*\* ("pjattaforma elettronika"), id-data miġbura relatata ma' kull waħda mit-3 snin kalendarji preċedenti u li tikkonċerna l-vetturi spezzjonati fit-territorju tagħhom. Dik id-data għandha tinkludi dan li ġej (għal kull sena kalendarja):
  - (a) l-għadd totali ta' vetturi spezzjonati;
  - (b) l-għadd ta' vetturi spezzjonati għal kull kategorija;
  - (c) l-aspetti ċekkjati, u l-elementi li ma għaddewx, f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu l-format li għandu jintuża mill-Istati Membri għall-komunikazzjoni tad-data msemmija fil-paragrafu 1 permezz tal-pjattaforma elettronika. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19(2).
3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-data miġbura skont il-paragrafu 1.

\*\*\*\* Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj>).";

- (13) L-Artikolu 22 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 22*

Estensjoni tal-validità taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali f'każ ta' kriżi

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) "sitwazzjoni ta' kriżi" tfisser avveniment eċċezzjonali, mhux mistenni u f'daqqa, naturali jew ikkawżat mill-bniedem ta' natura u skala straordinarja li jseħħ fl-Unjoni jew barra minnha, b'impatti diretti jew indiretti sinifikanti fuq il-qasam tat-trasport bit-triq u li jipprevjeni wkoll jew ifixkel b'mod sinifikanti l-possibbiltà għas-sidien jew għad-detenturi ta' vetturi rreġistrati fl-Istati Membri jew għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jwettqu testijiet tal-affidabbiltà stradali;
  - (b) "perjodu ta' kriżi" tfisser il-perjodu li matulu Stat Membru jkun awtorizzat mill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 2, biex jadotta l-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu.

2. Fil-każ ta' sitwazzjoni ta' kriżi li tkopri t-territorju kollu ta' Stat Membru jew parti minnu, dak l-Istat Membru jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Kummissjoni, permezz ta' talba debitament motivata, bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li tawtorizza lil dak l-Istat Membru jadotta l-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għat-territorju kollu tiegħu jew parti minnu. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu applikati għal perjodu massimu ta' sitt xhur. Il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-estensjoni tal-miżuri, fuq talba tal-Istat Membru, għal perjodi addizzjonali ta' sitt xhur, sakemm is-sitwazzjoni ta' kriżi tippersisti.
  3. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-perjodu ta' kriżi beda qabel ma l-kwistjoni ġiet riferuta mill-Istat Membru inkwistjoni skont il-paragrafu 2.
  4. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talbiet debitament motivati minn żewġ Stati Membri jew aktar relatati ma' sitwazzjoni ta' kriżi unika li tkopri t-territorji kollha tagħhom jew parti minnhom, tista' tadotta deċiżjoni unika li tapplika għal dawk l-Istati Membri kollha.
  5. Minkejja l-Artikolu 5(1), l-Artikolu 10(1) u l-punt 8 tal-Anness II, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali tal-vetturi kollha jew ta' ċerti kategoriji ta' vetturi li jkunu skadew jew li kieku jiskadu matul il-perjodu ta' kriżi, għal perjodu massimu ta' sitt xhur. Dak il-perjodu jista' jiġġedded għal perjodi addizzjonali suċċessivi ta' sitt xhur, sakemm il-kriżi tippersisti, u l-Kummissjoni tawtorizzah.
  6. Il-miżuri adottati mill-Istati Membri abbażi ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-Kummissjoni, li għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra u tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.";
- (14) L-Anness I, l-Anness III u l-Anness IV huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' din id-Direttiva.

## Artikolu 2

### Emendi tad-Direttiva 2014/47/UE

Id-Direttiva 2014/47/UE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### *"Artikolu 1*

##### Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal reġim ta' spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali, u għall-użu progressiv tat-telerilevament ta' vetturi, li jiċċirkolaw fit-territorju tal-Istati Membri.";

- (2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

"(aa) vetturi bil-mutur iddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr tal-oġġetti, u b'massa massima li ma taqbiżx it-3,5 tunnelli – kategorija tal-vetturi N1";

- (b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. L-Istati Membri li jwettqu testijiet perjodiċi annwali tal-affidabbiltà stradali f'konformità mad-Direttiva 2014/45/UE fuq vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom tal-kategorija N1, li jibdew sentejn wara li l-vettura tkun ġiet irreġistrata għall-ewwel darba, jistgħu jeskludu dik il-kategorija ta' vetturi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.";

- (c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li jwettqu spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt fuq vetturi mhux imsemmija fil-paragrafu 1, u li jiċċekkjaw aspetti oħra tat-trasport bit-triq u s-sikurezza, jew li jwettqu spezzjonijiet f'postijiet li mhumiex toroq pubbliċi. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jipprevjeni lil Stat Membru milli jillimita l-użu ta' tip partikolari ta' vettura għal ċerti partijiet tan-network tat-toroq tiegħu għal raġunijiet ta' sikurezza fit-toroq.";

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (13) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(13) "ċertifikat tal-affidabbiltà stradali" tfisser rapport ta' test tal-affidabbiltà stradali kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (12), tad-Direttiva 2014/45/UE;"

(b) il-punt 18 jiġihassar;

(c) jiżdiedu l-punti (21) u (22) li ġejjin:

"(21) "telerilevament" tfisser l-iskrinjar tal-vetturi billi jitkejlu l-emissjonijiet tal-egżost fit-triq, inkluż l-ossidi tan-nitroġenu u l-materja partikolata, jew il-livelli ta' storbu tal-vetturi li jgħaddu qrib tagħmir fiss jew mobbli waqt it-traġitt, jew permezz tal-insewiment tad-dħaħen fil-każ tal-iskrinjar tal-vetturi għall-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja;

(22) "insewiment tad-dħaħen" tfisser il-kejl tal-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja fit-triq ta' vetturi segwiti minn vettura li ssegwi mgħammra b'apparat tal-kampjunar u strument tal-kejl xierqa.";

(6) fl-Artikolu 5, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Għall-vetturi msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punti (a), (b), (c) u (d), l-Istati Membri għandhom iwettqu għadd totali ta' spezzjonijiet tekniċi inizjali waqt it-traġitt, għal kull sena kalendarja, li jikkorrispondi għal mill-inqas 5 % tal-għadd totali ta' dawk il-vetturi li jkunu rreġistrati fit-territorju tagħhom.

2. Għall-vetturi msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (aa), l-Istati Membri għandhom iwettqu għadd totali ta' spezzjonijiet tekniċi inizjali waqt it-traġitt, għal kull sena kalendarja, li jikkorrispondi għal mill-inqas 10 % tal-għadd totali ta' spezzjonijiet tekniċi inizjali waqt it-traġitt tal-vetturi msemmija fil-paragrafu 1.

(7) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-ġhoti ta' profil ta' riskju lil impriża, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-kriterji stabbiliti fl-Anness I. Dik l-informazzjoni għandha tintuża biex jitwettqu verifiki aktar mill-qrib u aktar ta' spiss fuq impriżi b'punteġġ ta' klassifikazzjoni għoli ta' riskju. Is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju għandha titħaddem mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Għall-vetturi msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punti (a) sa (c), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar l-għadd u s-severità tan-nuqqasijiet stabbiliti fl-Anness II u, fejn applikabbli, fl-Anness III ta' din id-Direttiva li jinstabu fuq vetturi mħaddma minn impriżi individwali tiġi introdotta fis-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE.";

(8) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li s-sewwieqa jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom iċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali li jikkorrispondi għat-test perijodiku tal-affidabbiltà stradali l-aktar reċenti u r-rapport tal-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt dettaljata l-aktar reċenti. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-awtoritajiet tagħhom jaċċettaw evidenza elettronika ta' tali testijiet tal-affidabbiltà stradali u spezzjonijiet waqt it-traġitt.";

(9) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

Għażla tal-vetturi għall-ispezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt

Meta jkunu qed jiġu identifikati l-vetturi li għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt, l-ispetturi jistgħu jagħżlu, bħala prijorità, il-vetturi mħaddma minn impriżi bi profil ta' riskju għoli f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva jew kif imsemmi fid-Direttiva 2006/22/KE. Il-vetturi jistgħu wkoll jintgħażlu b'mod każwali għall-ispezzjoni, jew fejn hemm suspett raġonevoli li l-vettura tippreżenta riskju għas-sikurezza fit-triq jew għall-ambjent."

(9a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 9a*

Telerilevament

1. L-Istati Membri jistgħu jużaw teknoloġija ta' telerilevament biex jiskrinjaw il-vetturi bil-mutur għall-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-arja u tal-istorbju tagħhom u jistgħu, abbażi tat-telerilevament, jagħżlu vetturi għal spezzjoni teknika inizjali waqt it-traġitt. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll it-telerilevament biex jidentifikaw vetturi b'emissjonijiet potenzjalment għoljin, li l-emissjonijiet tagħhom jistgħu jiġu vverifikati f'ċentru tal-ittestjar kif definit fid-Direttiva 2014/45/UE. L-Istati Membri li jużaw teknoloġija ta' telerilevament għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni.
2. Il-Kummissjoni tista', abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri li jużaw it-telerilevament f'konformità mal-Artikolu 20(3), tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu sett ta' limiti komuni ta' telerilevament għall-emissjonijiet tal-egżost jew tal-istorbju, jew għat-tnejn, u rekwiżiti ta' akkuratizza assoċjati bħal kejl ripetut, li għandhom jintużaw biex jiġu identifikati vetturi b'emissjonijiet għoljin li jeħtieġu segwitu fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 18(3); jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti differenti għal tagħmir fiss jew mobbli ta' telerilevament, jew insegwiment tad-dħaħen, u jistgħu jiġu stabbiliti limiti għall-identifikazzjoni ta' vetturi b'sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet difettużi u vetturi b'sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet imbagħbsa.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).";

(10) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(aa) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għandu jiċċekkja l-aħħar ċertifikat tal-affidabbiltà stradali u r-rapport tal-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt, fejn disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 18a(1).";

(bb) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) għandu jwettaq valutazzjoni viżiva tal-kundizzjoni teknika tal-vettura. Din il-valutazzjoni viżiva tista' tiġi ssupplimentata bl-użu ta' tagħmir speċifiku.";

(cc) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għandu jwettaq valutazzjoni viżiva tal-irbit tal-merkanzija tal-vettura.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Abbażi tar-risultat tal-ispezzjoni inizjali, l-ispettur għandu jiddeċiedi jekk il-vettura jew it-trejler tagħha għandux ikun soġġett għal spezzjoni aktar dettaljata waqt it-traġitt, u spezzjoni tal-irbit tal-merkanzija skont l-Artikolu 13.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Spezzjoni teknika aktar dettaljata għandha tkopri dawk l-elementi elenkati fl-Anness II li jitqiesu bħala meħtieġa u rilevanti, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu s-sikurezza tal-brejkijiet, it-tajers, ir-roti, ix-xażi u l-fastidju, u l-metodi rakkomandati applikabbli għall-ittestjar ta' dawk l-elementi.

Sa [JEKK JOGĦĠBOK DAĦĦAL: 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-metodi u l-valuri ta' limitu għall-kejl tal-emissjonijiet tan-numru ta' partikoli (PN) mill-magni ta' tqabbid bi spark imsemmija fil-punt 8.2 tal-punt 3 tal-Anness II. Il-proċeduri tal-ittestjar għandhom ikunu operattivi fil-faċilitajiet ta' spezzjoni fi żmien erba' snin wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-metodi u l-valuri ta' limitu, u biex tidentifika l-klassijiet tal-emissjonijiet EURO relatati ma' dawk il-metodi, għall-kejl tal-NOx minn magni ta' tqabbiid bi spark imsemmija fil-punt 8.2 tal-punt 3 tal-Anness II. Il-proċeduri tal-ittejtjar għandhom ikunu operattivi fiċ-ċentri tal-ittejtjar fi żmien erba' snin wara l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni.";

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).";

(11) L-Artikolu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

### *"Artikolu 13*

#### Spezzjoni tal-irbit tal-merkanzija

1. Matul l-ispezzjonijiet waqt it-traġitt, il-vetturi jistgħu jkunu soġġetti għal spezzjoni aktar dettaljata tal-irbit tal-merkanzija tagħhom f'konformità mal-Anness III, sabiex jiġi żgurat li l-merkanzija tkun marbuta b'tali mod li ma tinterferix mas-sewqan sikur, jew tkun ta' theddida għall-ħajja, għas-saħħa, għall-proprjetà jew għall-ambjent. Il-kontrolli għandhom jitwettqu biex jiġi vverifikat li matul kull tip ta' tħaddim tal-vettura, inkluż sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew manuvri ta' startjar f'telgħa:
  - (a) it-tagħbijiet jistgħu jibdlu l-pożizzjoni tagħhom b'mod minimu biss fir-rigward ta' xulxin, tal-ħitan jew tal-uċuħ tal-vettura;
  - (b) it-tagħbijiet ma jistgħux iħallu l-ispazju tal-merkanzija jew jiċċaqalqu 'l barra mill-wiċċ tat-tagħbija.
2. Mingħajr preġudizzju għar-reqwiziti applikabbli għat-trasport ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti, bħall-oġġetti koperti mid-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*\*\*\*\*, l-irbit tal-merkanzija u l-ispezzjoni tal-irbit tal-merkanzija għandhom jitwettqu f'konformità mal-prinċipji u, fejn xieraq, mal-istandards stabbiliti fit-Taqsima I tal-Anness III ta' din id-Direttiva. Tista' tintuża l-aħħar verżjoni tal-istandards stabbiliti fil-punt 5 ta' dik it-Taqsima.

3. Il-proċeduri ta' segwitu msemmija fl-Artikolu 14 għandhom japplikaw ukoll fil-każ ta' nuqqasijiet kbar jew perikolużi relatati mal-irbit tal-merkanzija.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal involut fil-kontrolli tal-irbit tal-merkanzija jkun imħarreġ kif xieraq għal dak l-għan.

---

\*\*\*\*\* Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/68/oj>).";

- (12) fl-Artikolu 14, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. It-tbagħbis jew il-manipulazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet ta' vettura, is-sistema b'vultaġġ għoli, inkluż is-sistema ta' ġestjoni tal-batterija, is-silencer, jew is-sistemi relatati mas-sikurezza, li jikkawżaw nuqqasijiet kbar jew perikolużi, għandha tkun punibbli b'penali effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.";

- (13) fl-Artikolu 16, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Mat-tlestija tal-ispezzjoni aktar dettaljata, l-ispettur għandu jfassal rapport f'konformità mal-Anness IV. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sewwieq tal-vettura tingħatalu kopja elettronika tar-rapport tal-ispezzjoni.";

(14) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikolużi, jew nuqqasijiet li jirriżultaw f'limitazzjoni jew fi projbizzjoni tal-użu tal-vettura, f'vettura li mhijiex irreġistrata fl-Istat Membru tal-ispezzjoni, il-punt ta' kuntatt għandu jinnotifika r-riżultati tal-ispezzjoni lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Dik in-notifika għandu jkun fiha l-elementi tar-rapport tal-ispezzjoni waqt it-traġitt kif stabbilit fl-Anness IV u għandha tiġi kkomunikata lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni permezz tas-sistema ta' messaġġi (is-sistema RSI) imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2205\*\*\*\*\*.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu regoli dettaljati dwar il-proċeduri għan-notifika ta' vetturi b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi lill-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).

---

\*\*\*\*\* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2205 tad-29 ta' Novembru 2017 dwar regoli dettaljati rigward il-proċeduri għan-notifika ta' vetturi kummerċjali b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi identifikati matul spezzjoni teknika waqt it-traġitt (ĠU L 314, 30.11.2017, p. 3, ELI:[http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2017/2205/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2205/oj)).";

(b) Jizzied il-paragrafu li ġej:

"3. F'każijiet fejn Stat Membru li juża t-telerilevament f'konformità mal-Artikolu 9a ikun identifika vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor bħala vettura b'emissjonijiet għoljin li tapplika l-limiti u l-livelli ta' akkuratizza stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 9a(2), l-Istat Membru għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, permezz tal-punt ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 17, bir-riżultati tal-kejl tat-telerilevament u, jekk rilevanti, bl-ispezzjoni teknika sussegwenti waqt it-traġitt. Fejn ma tkun saret l-ebda spezzjoni sussegwenti waqt it-traġitt, l-Istat Membru li jkun kejjel l-emissjonijiet jista' jitlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tiegħu azzjoni ta' segwitu kif meqjus xieraq mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, bħas-sottomissjoni tal-vettura għal spezzjoni waqt it-traġitt jew test tal-affidabilità stradali li jinvolvi l-kejl tal-emissjonijiet rilevanti.";

(15) jiddaħħal l-Artikolu 18a li ġej:

*"Artikolu 18a*

Skambju tad-data bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Dawn għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u d-data b'mod partikolari bl-għan li jiċċekkjaw, fil-ħin tal-ispezzjoni waqt it-traġitt ta' vettura, l-istatus legali u tekniku tagħha, fejn meħtieġ, fl-Istat Membru li fih tkun irreġistrata.
  - (a) L-Istati Membri għandhom jipprovdu aċċess għad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, id-data dwar il-kontenut taċ-ċertifikati ta' konformità jekk disponibbli, ir-riżultat tat-test fl-aħħar ċertifikat tal-affidabilità stradali, kwalunkwe ċertifikat temporanju tal-affidabilità stradali tal-UE maħruġ matul l-aħħar tliet snin, ir-rapporti tekniċi tal-ispezzjonijiet waqt it-traġitt ta' mill-inqas l-aħħar tliet snin, u l-istorja tal-odometru tal-vettura, maħżuna f'bażijiet tad-data nazzjonali, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u liċ-ċentri tal-ittestjar awtorizzati minnhom.

- (b) L-Istati Membri għandhom jinterkonnettjaw is-sistemi elettroniċi tagħhom dwar data li tinsab fiċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali u dwar l-istorja tal-odometru permezz tas-sistema elettronika MOVE-HUB żviluppata mill-Kummissjoni, b'tali mod li l-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru jkunu jistgħu jikkonsultaw il-bażi tad-data jew ir-reġistru nazzjonali tal-vetturi rilevanti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor f'ħin reali.
- (c) L-obbligu stabbilit fis-subparagrafu (b) għandu jitqies issodisfatt meta l-Istati Membri jużaw l-applikazzjonijiet tagħhom stess jew applikazzjonijiet ta' partijiet terzi inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS), biex jiskambjaw data u biex jaqdbu mas-sistema elettronika MOVE-HUB.
2. Sa [JEKK JOGĦĠBOK DAĦĦAL ID-DATA: sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabilixxu l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tas-sistema elettronika MOVE-HUB u li jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi għall-format u l-kontenut tal-informazzjoni u d-data li għandhom jiġu skambjati mill-Istati Membri fir-rigward tal-vetturi soġġetti għal spezzjonijiet waqt it-traġitt. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tad-data personali u għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).
